

# Min Għażel lil Min?

## Diskors Kommemorattiv minn Mons. Anton Gouder waqt Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Kolleġġjata Bażilika tal-Isla fl-Okkażjoni tar-Raba' Ċentinarju mill-Miġja tal-Istatwa ta' Marija Bambina 13 ta' Mejju 2018

1. Kultant ikolli okkażjoni nkun f'ċirkostanza fejn koppja tagħlaq 60/70 sena miżżewġin. Kważi dejjem jagħmlulhom l-istess żewġ mistoqsijiet, anke meta jintervistawhom fuq il-midja:

   a) Kif iltqajtu? u
   b) Min minnkom avviċina lill-ieħor jew l-oħra?

2. Illejla qegħdin hawn biex niċċelebraw mhux żwieġ bejn raġel u mara, kif ħalqu Alla, imma, relazzjoni ta' mħabba intima differenti:
bejn Marija Bambina ta' veru u din ix-Xbieha għażiża, fuq naħa u s-Sengleani, fuq in-naħa l-oħra.
Din mhix tixbiha stramba. Wara kollox, Alla l-Imbierek stess, fit-Testament l-Antik, kemm-il darba qabbel ir-relazzjoni Tiegħu mal-poplu Tiegħu bit-tixbiha taż-żwieġ.

3. Relazzjoni ta' mħabba intima mhux għal 60/70 sena; Imma għal 400 sena jew iżjed.
400 sena ta' mħabba, ta' preżenza, ta' ħarsien, ta' Omm, ta' fedeltà, żgur min-naħa tagħha, mhux daqshekk leali min-naħa tagħna.




*Il-Belt mibnija mill-Gran Mastru Klawdju De La Sengle.*
*(Matteo Perez d'Aleccio – Palazz tal-President, il-Belt Valletta)*

4. Se nagħmel il-mistoqsija li ssir lill-kopji anzjani:
Kif iltaqgħu l-Bambina u l-Isla?
Min għażel lil min?
Il-Bambina għażlet lill-Isla, jew l-Isla għażlet lill-Bambina?

5. Jiena għandi tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet.
Għandi t-tweġiba tal-FIDI.
Imma għall-okkażjoni tal-lejla, se nippreferi nħalliha ftit fil-ġenb, u nfittex it-tweġiba TAL- ISTORJA.

6. Fl-1554, il-Gran Mastru Claude De La Sengle waqqaf belt ġdida, ir-raba' waħda wara l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.
Ried jagħtiha ismu, u sejħilha SENGLEA.
Waqt li l-Maltin baqgħu jsejħulha ISLA, il-Kavallieri, fil-korrispondenza tagħhom, bdew isejħulha SENGLEA.[1]



*Il-faċċata l-antika tal-Kolleġġjata-Bażilika tal-Isla.*

Issa, minn post tad-divertiment jew ta' mistrieħ għall-kavallieri, saret belt ċkejkna għall-Maltin.

7. Ħdax-il sena biss wara, kellna l-Assedju l-Kbir.
Matulu, din il-Belt Ġdida kitbet bosta paġni sbieħ fl-istorja tagħha.
Fosthom, ingħatat titlu ieħor ta' ġieħ: *Città Invicta* (Belt mhux Mirbuħa).
Mhux l-iskop ta' dan id-diskors li nidħol fid-dettalji ta' dawn il-paġni.
Imma l-aħħar paġna tal-istorja tal-Assedju l-Kbir, hija importanti ħafna biex inwieġbu l-mistoqsija li għandna quddiemna.

8. Francesco Balbi li kien iżomm djarju fil-jiem tal-Assedju, fit-2 ta' Settembru, 1565 jikteb li qassis kien indarab fil-forti S. Mikiel, u dan ridt iwassal messaġġ lil Gran Mastru La Valette.
Il-messaġġ kien jgħid hekk:
*"Malta ma kinitx se ġġarrab telfa, jum il-Festa ta' Marija Bambina, li tant kien fil-qrib, kien sejjer ifawwar qalb kulħadd bil-hena."*[2]

U hekk ġara fis-7 ta' Settembru, lejlet il-festa tal-Bambina, it-Torok komplew jitfarrku bejniethom u ma kienx fadlilhom x'jagħmlu ħlief li jaħarbu minn Malta.

9. Fit-8 ta' Settembru, Balbi jerġa' jikteb fid-djarju tiegħu hekk:
*Ma naħsibx li widnejn il-Maltin qatt intlaqtu minn mużika aktar ħelwa minn dik tal-qniepen tagħna, li lilna lkoll llum qegħdin ifarrġuna.*
*Hu t-tmien jum ta' Settembru, iddedikat għat-twelid ta' Sidtna, il-Verġni Mbierka....*
*Illum qed idoqqu mill-ġdid biex iħabbrulna li sebaħ jum ta' ferħ kbir."*[3]

10. Allura hawnhekk jiena nara l-ewwel tweġiba għall-mistoqsija tagħna.
Kienet il-Bambina li għażlet li tidħol f'din ir-relazzjoni ta' mħabba ma' Beltna.
L-Isla kienet għadha b'popolazzjoni żgħira ħafna u foqra.[4]
Kienet għadha mhix parroċċa u kulma kellha kienet knisja żgħira ħafna ddedikata lil San Ġiljan.
Jista' jkun li xi wħud jgħidu li dan kien kumbinazzjoni.
Jiena ngħid, li ma kinitx kumbinazzjoni, u jekk kienet kumbinazzjoni, kienet kumbinazzjoni sabiħa.
U din ma kinitx l-ewwel kumbinazzjoni ġejja mis-Sema li għandna fl-istorja ta' Beltna.
Meta D'Homedes kien qed jibni l-forti fuq l-għolja ta' San Ġiljan, dan tlesta fit-8 ta' Mejju. F'dan il-jum



kiener tkun ċelebrata l-Festa ta' San Mikiel. Skont l-istoriku Jacomo Bosio li kiteb l-istorja tal-Ordni 50 sena wara, minħabba f'hekk, il-Forti ħa l-isem tal-Forti San Mikiel, flok San Ġiljan, kif kienet tissejjaħ l-għolja li fuqha nbena.[5]

11. Kif jiġri, meta jkun hemm proposta ta' mħabba, biex ir-relazzjoni sseħħ, ikun hemm bżonn tweġiba min-naħa l-oħra.
Meta l-Isla wieġbet għall-proposta tal-Bambina?
M'għaddiex wisq żmien, bilkemm għaddew 15-il sena.
L-awtoritajiet tal-Knisja riedu jagħmlu lill-Isla parroċċa għaliha.
Is-Sengleani dehrilhom li għal din l-okkażjoni, kien jixraq tempju ġdid.
Bnew tempju b'tifkira tar-Rebħa tal-1565 u fuqu kitbu MONUMENTUM INSIGNIS VICTORIAE, kif għad għandna miktub fuq din il-knisja sal-lum.
Din it-tifkira kienet ta' jum ir-rebħa, 8 ta' Settembru li dak iż-żmien kienet festa sollennità fil-Knisja Universali.
Allura kien ovvju għas-Sengleani li l-ebda titlu ma kien jixraq lil dan il-monument ħlief dak tat-Twelid ta' Marija.
Bdiet tissejjaħ "il-Knisja tal-Vitorja" u wkoll il-"Festa tal-Vitorja".[6]

12. Mela issa, għandna l-ewwel proposta ta' mħabba intima u l-ewwel tweġiba.
Kif jaf kulħadd, speċjalment il-maħbubin, l-imħabba mhix deċiżjoni ta' darba u daqshekk, imma trid tinżamm ħajja u sabiħa.

13. Kienu għaddew 37 sena mindu l-Isla saret parroċċa taħt it-titlu tal-Bambina.
Waslet is-sena 1618.
Bdiet tikber ix-xewqa tas-Sengleani li jkollhom xbieha tal-Bambina.
Issa kienu s-Sengleani li qed jagħmlu proposta ta' mħabba lill-Bambina biex tiġi fosthom bħala xbieha.
Kif weġbithom Marija Bambina?
Nixtieq li ħadd ma jgħid li din hija kumbinazzjoni:

14. *Galjun tfarrak fil-qilla tal-mewġ ma' waħda mill-gżejjer tad-Dalmazja.*
*Kaptan mill-Awstrija, b'xini mgħobbi bil-passiġieri, kien qed jaqsam il-baħar Adrijatiku.*
*Kif wasal qrib dawk il-gżejjer, flimkien ma' bċejjeċ tal-galjun, il-kaptan lemaħ statwa[7] titliegħeb ma' mewġ il-baħar.*
*Kienet tirrappreżenta x-xbieha tal-Verġni Marija.*
*Il-kaptan ġabarha mill-baħar u għamel ħsieb li jagħtiha lil xi knisja tal-ewwel art Nisranija li jidħol fiha.*

*Dak ix-xini kien qiegħed iqarreb lejn Malta.*
*U fuq dak ix-xini, kien hemm żewġ passiġiera*



*Impressjoni artistika ta' kif kienet l-istatwa tal-Bambina fil-kwadrant tal-poppa tal-galjun li tfarrak. (Ġużeppi Muscat, 2000)*



*mill-Isla, wieħed ċertu Lanzon, li jiġi n-nannu ta' Ġużeppi Lanzon, imlaqqam Ta' Palmett, u l-ieħor kien missier Dimitri Tumbo.*
*Dawn bdew jitolbu b'ħerqa kbira lill-kaptan biex jagħti din ix-xbieha lill-knisja tal-Isla, li kienet għadha knisja ġdida.*

*Meta daħlu Malta, il-kaptan taha lill-Kappillan Dun Cosmo Talavera,*
*li b'ferħ kbir u f'isem is-Sengleani laqagħha fil-Knisja.*[8]

15. Din kienet, għal darb'oħra, it-tweġiba ta' mħabba tal-Bambina lejna s-Sengleani.
Eżatt dan hu dak li qed infakkru llum.
Il-jum eżatt mhux reġistrat fl-Istorja.
Li hu reġistrat hu li dan il-jum glorjuż kien fis-sena 1618 u li seħħ wara t-28 ta' Frar ta' dik is-sena.[9]

16. Matul dawn l-400 sena ta' storja, hemm bosta aktar ġrajjiet u korrispondenza ta' mħabba bejn il-Bambina u s-Sengleani.
Mhux se nsemmihom, għax il-ħin li kelli għadda.

17. Ngħalaq billi nissellef il-kliem tal-qalbieni Arċipriet tal-Isla, Monsinjur Manuel Brincat:[10]
*Marija Bambina!*
*Kemm int ħelwa,*
*Kemm int sabiħa.*
*Sraqtli qalbi.*
*Sraqtilna qalbna.*
*Intennulek aħna lkoll:*
*u sa minn meta konna żgħar ...*
*sraqtilna qalbna.*
*Fuq ħoġor ommna tgħallimna nsejħulek,*
*tgħallimna nħobbuk.*
*U l-imħabba kibret magħna,*
*Fawwritilna qalbna.*
*Viva l-għaxqa ta' qalbna,*
*MARIJA BAMBINA.*



*Fl-1941 is-Sengleani li fi żmien il-gwerra kienu evakwati fir-Rabat ta' Malta, talbu lil Ġużeppi Duca, mir-Rabat, biex ipitter din ix-xbieha tal-Bambina li llum tinsab fl-oratorju anness mal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat.*

---

1 Bonnici Alexander, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina,* (Parroċċa ta' L-Isla, 1981), Vol. I, p. 35.

2 *Ibid.,* p. 41.

3 *Ibid.,* p. 42.

4 *Ibid.,* p. 47.

5 *Ibid.,* p. 29.

6 *Ibid.,* p. 51.

7 Bonnici, x'aktarx b'mod mhux preċiż, juża l-kelma "pulena" flok statwa. Il-frażi li nsibu fid-dokument oriġinali huwa dan: *quest'immagine probabilmente era fatta in qualche quadro di puppa d'in grosso legno* (Ara Veneranda Arciconfraternità dell' Immacolata Concezione di Maria Santissima, *Libro Vicende 1880 [DP 6.37]).* Espert marittimu hu tal-fehma li l-għamla tal-istatwa ma setgħetx kienet pulena, imma jew kienet statwa li kienet titqiegħed fil-kwadrat tal-poppa tal-galjun, jew statwa li kienet qed tinġarr mill-galjun li tfarrak (Muscat Joseph, "L-Istatwa tal-Bambina", *fil-Programm tal-Festa 2000* maħruġ mis-Soċjetá Filarmonika *Queen's Own*, pp. 75-79).

8 *Op. cit.,* Bonnici (1981), pp. 125-126.

9 *Ibid.,* p. 125

10 Diskors magħmul fl-4 ta' Settembru, 1941 fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat, fejn il-Kapitlu tal-Isla ċċelebra l-20 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina, fi żmien il-gwerra.